MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Numru. 123/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**VS**
**MOHAMED MOHAMED ABDALLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mohamed Mohamed Abdalla, ta’ 30 sena iben Abdulai u Fatima nee’ Anor, mwieled 1 ta’ Jannar 1982, Sudan, u residenti: 60, Triq Fra Diegu, Marsa , w detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 53214(A),

U akkukat talli, f’dawn il-Gzejjer, nhar it-2 ta’Frar 2012 ghal habta tas-sitta neqsijn kwart ta’filghodu (05:45a.m) fi Triq San Gorg, San Giljan u / jew fil-vicinanzi :-

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra PS 1128 Glenn Sammut u PC 901 Christopher Attard persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ordni moghtija skond il-Ligi mill-Awtorita Kompetenti.

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna ferita ta’natura hafifa fuq il-persuna ta’ PS 1128 Glenn Sammut u PC 901 Christopher Attard persuna inkarigata kond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghal-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorita Kompetenti.;

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’PS 1128 Glenn Sammut u PC 901 Christopher Attard persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’dak is-servizz;

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied;

5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’l-Awtorita jew ta’ min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li jkunu ghamlu id-dmirijiet taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammisjoni ta’l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-ammisjoni ta’ l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti issib lil-imputat Mohamed Mohamed Abdalla hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikolu 95, 96, 221, 339 (1) (e), 338 (dd), 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, tikkundannah ghall-disa' xhur (9) prigunerija sospiza ghall-sentejn (2).

Il-Qorti fehmet lill-imputat bi kliem semplici il-konsegwenzi ta'sentenza sospiza.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, u l-fatt illi l-imputat kien xurban fil-hin tal-incident u il-fatt li l-imputat ghamel apologija piena lill-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------